

Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-immigrazzjoni

(2012/C 34/02)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu ⁽²⁾,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-4 ta' Mejju 2011, il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni ⁽³⁾ ("il-Komunikazzjoni"). B'konformità mal-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, il-KEPD jippreżenta din l-opinjoni dwar mozzjoni tiegħu stess.
2. Il-KEPD ma ġiex ikkonsultat qabel l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni. Dan kien ta' dispaċir, minħabba li l-kummenti pprovduti fi stadju aktar bikri setgħu jgħinu sabiex jiġu indirizzati wħud mill-kwistjonijiet deskritti f'din l-Opinjoni.

L-objettivi u l-ambitu tal-Komunikazzjoni

3. Il-Komunikazzjoni għandha l-għan li tistabbilixxi l-proposti reċenti u futuri għal politika fqafas li jieħdu kont tal-aspetti rilevanti kollha tal-immigrazzjoni u li tevita "approċċ fuq perjodu ta' żmien qasir limitat għall-kontroll fil-fruntieri mingħajr ma jiġu kkunsidrati kwistjonijiet fit-tul" ⁽⁴⁾. Hija miktuba l-aktar bħala reazzjoni għall-avvenimenti attwali fit-Tramuntana tal-Afrika, speċjalment il-konflitt fil-Libja.
4. Sabiex tagħmel dan, il-Komunikazzjoni tindirizza l-għajnuna umanitarja, il-ġestjoni tal-fruntieri, il-viżi, l-ażil, il-ħtieġa ekonomika għall-immigrazzjoni u l-integrazzjoni. Hija tirreferi għal għadd ta' proposti leġiżlattivi, li wħud minnhom huma ġodda, filwaqt li oħrajn tressqu diġà. Ħafna minn dawn il-proposti jittrattaw il-ġestjoni tal-fruntieri, li tiffirma parti importanti mill-Komunikazzjoni. Uħud minn dawn jinvolvu l-ipproċessar fuq skala kbira ta' dejta personali.
5. Il-Komunikazzjoni hija biss l-ewwel waħda minn għadd ta' komunikazzjonijiet u proposti li għandhom jiġu ppubblikati fil-futur qrib, fejn kull waħda telabora fuq aspetti partikolari msemmija fil-Komunikazzjoni preżenti. F'dan il-kuntest, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Ġunju 2011 ⁽⁵⁾ isemmu li "l-isforzi sejrjn jissaħħu wkoll billi tiġi avvanzata malajr

⁽¹⁾ ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

⁽²⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

⁽³⁾ COM(2011) 248 finali.

⁽⁴⁾ Komunikazzjoni, p. 3.

⁽⁵⁾ Konklużjoni tal-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Ġunju 2011, EUCO 23/11.

ħidma fuq 'fruntieri intelliġenti', biex jiġi żgurat li jintużaw teknoloġiji ġodda biex jiġu ssodisfati l-isfidi tal-kontroll fuq il-fruntieri. B'mod partikolari, għandhom jiġu introdotti sistema ta' dħul-ħruġ u programm ta' vjaġġaturi rreġistrati. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll il-ftehim milħuq dwar l-aġenzija għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-oqsma tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja".

L-għan tal-Opinjoni tal-KEPD

6. Filwaqt li l-kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta ma jiffurmawx parti ċentrali mill-Komunikazzjoni, madankollu, hija ssemmi bosta inizjattivi u proposti fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, bħas-sistema ta' dħul-ħruġ u l-programm ta' vjaġġaturi rreġistrati, li ser ikollhom impatt sinjifikanti fuq id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-dejta. F'dan il-kuntest, il-Komunikazzjoni tenfasizza li l-kontroll fuq il-fruntieri jikkontribwixxi ħafna fil-ġlieda kontra l-kriminalità u tirreferi għall-Istrateġija tas-Sigurtà Interna ppreżentata mill-Kummissjoni fl-2010 ⁽⁶⁾.
7. Ħafna mill-proposti u l-inizjattivi msemmija sejrjn jiġu elaborati f'aktar dettall fil-ġejjieni; għalhekk, il-Komunikazzjoni preżenti tippovdi opportunità sabiex isiru kummenti dwar dawn l-inizjattivi fi stadju bikri. Għal dawk l-inizjattivi li tressqu diġà, bħall-Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament tal-Frontex ⁽⁷⁾, din il-Komunikazzjoni tippreżenta opportunità sabiex jiġu mtennija wħud mill-aktar kummenti essenzjali li saru f'okkazzjonijiet preċedenti qabel l-adozzjoni finali mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.
8. L-għan ta' din l-Opinjoni mhuwiex li tanalizza l-oqsma ta' politika kollha koperti u l-proposti msemmija fil-Komunikazzjoni, iżda li:
 - tindirizza bosta prinċipji u kunċetti tal-protezzjoni tad-dejta, bħal-limitazzjoni tal-iskop, in-neċessità, il-proporzjonalità u l-kunċett ta' "privatezza skont id-disinn", li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta jiġi implimentat l-approċċ deskritt fil-Komunikazzjoni;
 - tiddiskuti l-miżuri speċifiċi proposti fil-Komunikazzjoni minn perspettiva tal-protezzjoni tad-dejta u tippovdi pariri diġà f'dan l-istadju dwar kif jista' jiġi żgurat ir-rispett xieraq għad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali.
9. Għal dan il-għan, l-Opinjoni hija maqsuma f'żewġ partijiet ewlenin. L-ewwel parti tikkummenta dwar l-approċċ ġenerali li ttieħed fil-Komunikazzjoni u fiha kunsiderazzjonijiet orizzontali dwar il-Komunikazzjoni, bħall-ħtieġa għal evalwazzjoni u l-implikazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali għad-disinn ta' sistemi tal-IT. It-tieni parti fiha kummenti speċifiċi dwar il-proposti u l-inizjattivi speċifiċi ⁽⁸⁾.

II. KUMMENTI ĠENERALI

L-approċċ tal-Komunikazzjoni

10. Il-KEPD jilqa' l-għan tal-Komunikazzjoni li tevita "approċċ għal perjodu ta' żmien qasir limitat għall-kontroll fuq il-fruntieri mingħajr ma tikkunsidra kwistjonijiet fit-tul" ⁽⁹⁾. Approċċ komprensiv u effettiv għall-immigrazzjoni ma jistax jikkonsisti biss minn kontroll fuq il-fruntieri, iżda jrid jintegra wkoll aspetti oħrajn.

⁽⁶⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura, COM(2010) 673.

⁽⁷⁾ Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 li jstabilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex), COM(2010) 61.

⁽⁸⁾ Din l-Opinjoni sejra tikkomplimenta u titfassal b'mod partikolari fuq l-Opinjoni tal-KEPD tas-17 ta' Diċembru 2010 dwar il-Komunikazzjoni "Strateġija tas-Sigurtà Interna fl-Azzjoni" ("Opinjoni tal-KEPD tas-17 ta' Diċembru 2010") (ĠU C 101, 1.4.2011, p. 6); l-Opinjoni tal-KEPD tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar il-proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" ("Opinjoni tal-KEPD tal-15 ta' Diċembru 2010") (ĠU C 101, 1.4.2011, p. 14); l-Opinjoni tal-KEPD tat-30 ta' Settembru 2010 rigward il-Komunikazzjoni dwar "Ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni tal-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja" ("Opinjoni tal-KEPD tat-30 ta' Settembru 2010") (ĠU C 355, 29.12.2010, p. 16); u l-Kummenti Preliminari tal-KEPD tat-3 ta' Marzu 2008 dwar il-Pakkett tal-Fruntieri ("Kummenti preliminari tal-KEPD tat-3 ta' Marzu 2008"), disponibbli fuq il-websajt tal-KEPD.

⁽⁹⁾ Komunikazzjoni, p. 3.

11. Tali approċċ komprensiv għandu jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-immigranti u r-refuġjati, inkluż id-dritt tagħhom għall-protezzjoni tad-dejta. Dan huwa saħansitra aktar importanti minħabba li dawn il-gruppi ta' spiss isibu ruħhom f'pożizzjonijiet vulnerabbli.
12. F'dan il-kuntest, il-Komunikazzjoni ssemmi li l-għan doppju tal-Unjoni għandu jkun li żżomm livelli għolja ta' sigurtà filwaqt li wkoll tagħmel il-qsim tal-fruntieri aktar sempliċi għal "dawk li għandhom jitħallew jidħlu, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali tagħhom" ⁽¹⁰⁾. Din il-formulazzjoni tista' tagħti l-impressjoni li d-drittijiet fundamentali tal-persuni li – għal raġunijiet varji – ma għandhomx jitħallew jidħlu ma għandhomx b'żonn jiġu rrispettati. Skont il-KEPD, huwa ovvju li d-drittijiet tagħhom mhux neċessarjament jinkludu d-dritt li jissetiljaw fit-territorju tal-UE, f'liema każ, ikun hemm b'żonn li jittieħdu reazzjonijiet xierqa bħal operazzjonijiet ta' ritorn, madankollu dejjem jirrispettaw id-drittijiet fundamentali.
13. Huwa innotat li fir-rigward tal-ġestjoni tal-fruntieri, il-Komunikazzjoni titkellem favur approċċ ibbażat ħafna fuq l-użu tat-teknoloġija. Fost l-oħrajn, hija favur aktar sorveljanza fil-fruntieri (ara s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza għall-Fruntieri – Eurosur) ⁽¹¹⁾. Hija tipprevedi wkoll li tesplora l-istabbiliment possibbli ta' sistemi tal-IT ġodda fuq skala kbira għal informazzjoni ta' ipproċessar dwar il-vjaġġaturi (sistema ta' dħul-ħruġ u program ta' vjaġġaturi rreġistrati) ⁽¹²⁾. Fl-aħħar nett, hija titkellem favur l-espansjoni tas-sistemi eżistenti għal utenti ġodda (jiġifieri għall-Eurodac) ⁽¹³⁾. Din l-enfasi fuq it-teknoloġija tirrifletti tendenza ġenerali fis-snin reċenti.

Evalwazzjoni tal-istrumenti eżistenti qabel jiġu proposti oħrajn ġodda u t-test tan-neċessità

14. F'bosta okkażjonijiet, il-KEPD enfasizza li għandhom jiġu evalwati l-istrumenti eżistenti qabel jiġu proposti oħrajn ġodda ⁽¹⁴⁾. F'dan il-kuntest, meta jsemmi l-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ⁽¹⁵⁾ u l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ⁽¹⁶⁾, il-KEPD jirrimarka li l-interferenzi mad-dritt għall-ħajja privata għandhom jilhqnu l-istandard li jkun "neċessarji f'soċjetà demokratika" u jkun konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-kunċett ta' neċessità jimplika piż aktar strett ta' prova milli sempliċiment ikun "utli" ⁽¹⁷⁾. Dan jimplika li kwalunkwe proposta rilevanti għandha tkun akkumpanjata minn prova ċara tan-neċessità u l-proporzjonalità tagħhom.
15. Din il-prova għandha tiġi pprovduta permezz ta' valutazzjoni tal-impatt tal-privatezza ⁽¹⁸⁾ bbażata fuq evidenza suffiċjenti ⁽¹⁹⁾. Użu selettiv tal-istatistika u l-estimi mhuwiex biżżejjed. Il-KEPD huwa konxju li l-ġbir ta' informazzjoni affidabbli dwar fenomeni bħall-immigrazzjoni irregolari huwa diffiċli; madankollu, dawn il-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom jikkunsidraw ukoll soluzzjonijiet alternattivi

⁽¹⁰⁾ Komunikazzjoni, p. 7.

⁽¹¹⁾ Komunikazzjoni, p. 7-8. Ara wkoll il-paragrafi 42-44 ta' din l-opinjoni.

⁽¹²⁾ Komunikazzjoni, p. 10.

⁽¹³⁾ Komunikazzjoni, p. 14.

⁽¹⁴⁾ Ara l-Opinjoni tal-KEPD tat-30 ta' Settembru 2010, imsemmija fuq; ara wkoll il-Kummenti Preliminari tal-KEPD dwar il-pakkett tal-fruntieri, imsemmi hawn fuq. F'dan ir-rigward, il-KEPD jilqa' l-ħidma mwettqa mill-Information Project Mapping Team fil-kuntest tal-ħidma fuq il-Mudell Ewropew tal-Iskambju ta' Informazzjoni. Madankollu, l-ambitu ta' dan l-eżerċizzju għandu jiġi estiż u l-ħidma futura f'dan il-qasam jeħtieġ li tieħu perspettiva usa'.

⁽¹⁵⁾ Ara, pereżempju, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, *S. u Marper vs. ir-Renju Unit*, numri 30562/04 u 30566/04, magħżula għall-pubblikazzjoni fir-Rapporti tas-Sentenzi u d-Deċizzjonijiet.

⁽¹⁶⁾ Pereżempju, il-Kawżi Konġunti C-92/09 u C-93/09, *Volker und Markus Schecke u Hartmut Eifert vs. Land Hessen* [2010], li għandhom ma ġewx ippubblikati fir-Rapport tal-Qorti Ewropea ("Schecke").

⁽¹⁷⁾ Għadd numeruż ta' sentenzi sa mill-kawża fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem *Handyside vs. ir-Renju Unit*, nru. 5493/72, Serje A Numru 24, §48.

⁽¹⁸⁾ Dawn jistgħu jew jieħdu l-forma ta' valutazzjoni tal-impatt separata tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta jew inkella jiġu integrati fil-valutazzjoni tal-impatt ġenerali. Il-gwida attwali dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt (Il-Linji Gwida dwar il-Valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni Ewropea, SEC(2009) 92) ma tipprevedix valutazzjoni tal-impatt separata għall-impatt fuq id-drittijiet fundamentali, bħall-protezzjoni tad-dejta; dawn l-aspetti għandhom jiġu integrati fil-valutazzjoni tal-impatt ġenerali. Sadanittant, wara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali mill-Unjoni Ewropea (COM(2010) 573), tħejjiet gwida addizzjonali fil-forma ta' Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni fuq gwida operattiva dwar il-kunsiderazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali fil-Valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni (SEC(2011) 567).

⁽¹⁹⁾ Fir-rigward ta' dan, ara wkoll l-Opinjoni tal-KEPD tal-25 ta' Marzu 2011 dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' dejta mir-Reġistri tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja ("Opinjoni tal-KEPD tal-25 ta' Marzu 2011"), li għandha ma ġiex ippubblikata fil-ĠU, speċjalment il-pt. 25.

għall-problemi ffaċċjati bil-għan li jitnaqqas l-impatt tad-drittijiet fundamentali ⁽²⁰⁾. Is-sempliċi fatt li s-soluzzjonijiet teknoloġiċi huma fattibbli ma jfissirx li huma neċessarji u proporzjonati.

16. Jekk valutazzjoni twassal għall-konklużjoni li hemm bżonn ta' sistemi tal-IT ġodda fuq skala kbira, għandu jiġi kkunsidrat il-kunċett ta' "privatezza skont id-disinn" fit-tfassil tagħhom. Il-kontrolluri għandhom ikunu jistgħu juru li ttehdhu miżuri xierqa sabiex jiżguraw li r-rekwiżiti tal-privatezza ġew issodisfati fid-disinn tas-sistemi tagħhom. It-tweqqif ta' dan jista' jillimita l-impatt negattiv tal-miżuri ġodda fuq il-privatezza (jew iżid l-impatt pożittiv). Dan l-approċċ kien approvat mill-Kummissjoni ⁽²¹⁾. L-implimentazzjoni tal-kunċett "privatezza skont id-disinn" fil-kuntest ta' sistemi bħas-sistema tad-dħul-ħruġ imsemmija fil-Komunikazzjoni għandha tirriżulta fir-restrizzjoni tal-ġbir ta' dejta personali għall-minimu neċessarju, il-limitazzjoni tal-perjodi ta' żamma u li l-ipproċessar isir b'mod li jkun favorevoli għall-privatezza u trasparenti għas-suġġetti tad-dejta.
17. Barra minn hekk, għandu jiġi rrispettat ukoll il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop. Għandu jiġi evitat l-iżvijar tal-użu ("function creep"). Pereżempju, il-Komunikazzjoni tipprevedi l-introduzzjoni mill-ġdid tal-inizjattiva sabiex l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jingħataw aċċess għall-Eurodac ⁽²²⁾ li tidher li tikkonferma t-tendenza li tagħti aċċess għall-infurzar tal-liġi lis-sistemi tal-UE fuq skala kbira u tqajjem il-kwistjoni tal-estensjoni tal-iskop oriġinali tas-sistema. L-għoti ta' aċċess addizzjonali lill-awtoritajiet għad-databases huwa kwistjoni li jista' jkollha impatt serju: database meqjusa bħala proporzjonata meta tintuża għal skop speċifiku wieħed tista' ssir sproorzjonata meta l-użu jestendi għal skopijiet oħrajn minn hemm 'il quddiem ⁽²³⁾.
18. Konsegwentement, il-KEPD jitlob biex kwalunkwe proposta (attwali u ġdida) li tinvolvi restrizzjonijiet għad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-dejta tkun akkumpanjata minn prova ċara tan-neċessità tagħhom ⁽²⁴⁾. Barra minn hekk, meta s-sistemi tal-IT fuq skala kbira jitqiesu bħala neċessarji, dawn għandhom jifasslu b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipju tal-"privatezza skont id-disinn". Barra minn hekk, il-miżuri implimentati għandhom jiġu evalwati regolament sabiex jiġi stabbilit jekk għadhomx neċessarji.

III. KUMMENTI SPEĊIFIĊI

Eurodac

19. Il-Komunikazzjoni tirreferi għall-aċċess tal-infurzar tal-liġi għall-Eurodac, billi tgħid li l-Eurodac, minbarra li tkompli tappoġġja l-effikaċja tar-Regolament ta' Dublin, għandha wkoll "tissodisfa ħtiġijiet oħrajn tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi" ⁽²⁵⁾.
20. Il-proposta ta' Diċembru 2008 għal riforma tar-regolament Eurodac ⁽²⁶⁾ ma kienx fiha dispożizzjonijiet għal aċċess għall-infurzar tal-liġi. Dawn kienu inklużi fi proposta mressqa mill-Kummissjoni f'Settembru

⁽²⁰⁾ Dwar il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati soluzzjonijiet alternattivi ara wkoll l-EJC f'*Schecke*, imsemmija fuq.

⁽²¹⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ komprensiv dwar il-protezzjoni tad-dejta personali fl-Unjoni Ewropea, COM(2010) 609, p. 12. Ara wkoll l-Opinjoni tal-KEPD tal-14 ta' Jannar 2011 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni – "Approċċ komprensiv dwar il-protezzjoni tad-dejta personali fl-Unjoni Ewropea" (ĠU C 181, 22.6.2011, p. 1), il-paragrafi 108-115.

⁽²²⁾ Komunikazzjoni, p. 14.

⁽²³⁾ Ara l-kummenti preliminari tal-KEPD dwar il-Pakkett tal-Fruntieri, imsemmi fuq, p. 3.

⁽²⁴⁾ Ara wkoll l-Opinjoni tal-KEPD tal-31 ta' Mejju 2011 dwar ir-rapport ta' evalwazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew rigward id-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta (Direttiva 2006/24/KE), li għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU, kif ukoll l-Opinjoni tal-KEPD tal-25 ta' Marzu 2011.

⁽²⁵⁾ Komunikazzjoni, p. 14.

⁽²⁶⁾ Proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru (.../...) (li jstabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna mingħajr stat) (Verżjoni mfassla mill-ġdid), COM(2008) 825.

2009 ⁽²⁷⁾. F'Ottubru 2010, il-Kummissjoni adottat proposta emendata ⁽²⁸⁾ li ma baqgħetx tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-infurzar tal-liġi, simili għall-proposta oriġinali.

21. Fl-Opinjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar l-Eurodac, il-KEPD laqa' l-ommissjoni tal-aċċess għall-infurzar tal-liġi ⁽²⁹⁾, fejn fakkar li tali użu għal skop differenti għandu jkun ibbażat fuq evidenza sostanzjali ta' rabta bejn l-applikanti għall-asil u t-terroriżmu u/jew reati serji. Barra minn hekk, jeħtieġ li tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni prekarja tal-persuni li jfittxu l-asil meta jiġu analizzati n-neċessità u l-proporzjonalità ta' dan l-aċċess.
22. Ir-riforma tar-Regolament Eurodac hija parti mit-twaqqif ta' sistema Ewropea tal-asil, li skont il-Programm ta' Stokkolma għandha tkun fis-seħħ mill-2012 ⁽³⁰⁾. Waħda mir-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni għall-ommissjoni tal-aċċess għall-infurzar tal-liġi fil-proposta ta' Ottubru 2010 kienet li n-nuqqas ta' inklużjoni ta' din il-miżura kontroversjali jista' jiffaċilita l-adozzjoni f'waqtha tal-pakkett tal-asil ⁽³¹⁾. Dan huwa marbut ukoll mat-twaqqif tal-Aġenzija għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja ⁽³²⁾.
23. F'dan l-isfond u fid-dawl tal-kummenti preċedenti, il-KEPD jieħu l-pożizzjoni li sa issa ma kienet prodotta ebda evidenza ċara u affidabbli biżżejjed tan-neċessità tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-aċċess tal-infurzar tal-liġi għall-Eurodac. Huwa biss wara valutazzjoni tal-impatt ġdida li tiegħu kont tat-tħassib dwar il-privatezza li possibbilment tkun tista' tiġi kkontemplata tali introduzzjoni mill-ġdid. Barra minn hekk, l-inklużjoni tal-aċċess għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tkun teħtieġ bidliet sinjifikanti fid-database tal-Eurodac sabiex dan l-aċċess ikun akkomodat b'mod sikur. L-implikazzjonijiet tekniċi u finanzjarji ta' dan għandhom jiġu indirizzati wkoll f'valutazzjoni tal-impatt ġdida ⁽³³⁾.
24. Barra minn hekk, l-introduzzjoni mill-ġdid tal-proposta jista' jkollha impatt sinjifikanti fuq l-għażla taż-żmien tal-pakkett tal-asil b'mod ġenerali. Il-Kummissjoni ma ssemmi ebda data meta possibbilment għandha tiġi ppreżentata proposta ġdida; lanqas ma ssemmi jekk tali proposta għandhiex tkun akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt ġdida.

⁽²⁷⁾ Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru (.../...) (li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna mingħajr stat) (Verżjoni mfassla mill-ġdid), COM(2009) 342. Il-KEPD ħareġ opinjoni dwar din il-proposta; ara l-Opinjoni tal-KEPD tas-7 ta' Ottubru 2009 dwar il-proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru (.../...) (li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna mingħajr), u dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li titlob għal paraguni mad-dejta tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi ("Opinjoni tal-KEPD tas-7 ta' Ottubru 2009") (ĠU C 92, 10.4.2010, p. 1).

⁽²⁸⁾ Proposta emendata għal Regolament dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru (.../...) (li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna mingħajr stat) (Verżjoni mfassla mill-ġdid), COM(2010) 555 ("COM(2010) 555"). Il-KEPD ħareġ opinjoni dwar din il-proposta; ara l-Opinjoni tal-KEPD tal-15 ta' Diċembru 2010, imsemmija fuq, partikolarment il-paragrafi 18-22, 28-33, 51-57.

⁽²⁹⁾ Opinjoni tal-KEPD tal-15 ta' Diċembru 2010, partikolarment il-paragrafi 12-17.

⁽³⁰⁾ Il-Kunsill Ewropew: Il-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sikura li sservi u tiproteġi liċ-ċittadini, p. 5 (ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1).

⁽³¹⁾ COM(2010) 555, imsemmija fuq, p. 3.

⁽³²⁾ ibid.

⁽³³⁾ Il-proposta ta' Ottubru 2010 ma kinitx akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt. Minflok, il-Kummissjoni rreferiet għall-valutazzjoni tal-impatt imwettqa għall-proposta tal-2009; ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni – Dokument li jakkumpanja l-proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru (.../...) (li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna mingħajr stat) (Verżjoni mfassla mill-ġdid) u għall-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li titlob għal paraguni mad-dejta tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi – Valutazzjoni tal-impatt, SEC(2009) 936. Ara wkoll COM(2010) 555, imsemmija fuq, p. 3.

Sistema ta' dħul-ħruġ

25. Il-Komunikazzjoni ttabbar ukoll li f'Settembru 2011 għandha tinħareġ Komunikazzjoni dwar il-fruntieri intelliġenti. Din il-Komunikazzjoni mistennija telabora fuq inizjattivi għal sistema ta' dħul-ħruġ u programm ta' vjaġġaturi rreġistrati. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li dawn il-proġetti jeħtieġu "investment sostanzjali" sabiex jiġu żgurati "standards ta' livell għoli għall-protezzjoni tad-dejta personali" ⁽³⁴⁾.
26. Fir-rigward tas-sistema ta' dħul-ħruġ, il-Kummissjoni tiġġustifika din l-inizjattiva billi ssostni li "s-soġġorn twil iżżejjed" huwa "s-sors ewlieni tal-immigrazzjoni irregolari fl-UE" ⁽³⁵⁾. Minbarra dan, il-Komunikazzjoni ma tippovdi ebda spjegazzjoni rigward l-iskop ta' din is-sistema.
27. It-tnaqqis tan-numru ta' "persuni li jaqbżu t-tul tas-soġġorn intitolati għalih" jista' ċertament ikollu effetti pożittivi. Il-KEPD jifhem li sistema ta' dħul-ħruġ tista' twaqqaf liċ-ċittadini minn pajjiżi terzi milli jaqbżu t-tul tas-soġġorn intitolati għalih jekk ikunu jafu li x'aktarx jiġu identifikati awtomatikament ladarba tiskadi l-viża tagħhom. Madankollu, għad hemm bosta mistoqsijiet.
28. Sa issa, ma hemm ebda politika konsistenti relatata mal-fenomeni tas-soġġorn twil iżżejjed fl-Istati Membri. B'mod ġenerali, il-kunċett ta' "soġġorn twil iżżejjed" mhuwiex definit sewwa; l-istabbiliment ta' definizzjoni komuni tat-terminu għandu jkun l-ewwel pass neċessarju sabiex il-kwistjoni tintfiehmem b'mod ċar ⁽³⁶⁾.
29. Barra minn hekk, kwalunkwe numri li huma disponibbli bħalissa huma biss estimi ⁽³⁷⁾. Id-dimensjoni tal-problema jeħtieġ li tiġi kkjarifikata bħala prekondizzjoni għal valutazzjoni raġonevoli dwar in-neċessità.
30. It-twissijiet skont l-Artikolu 96 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-ftehim ta' Schengen huma miżura eżistenti li jipprevjenu lil persuni speċifiċi milli jidħlu fit-territorju Schengen. Dawn it-twissijiet jistgħu jintużaw biex iwaqqfu lil "persuni magħrufa li jaqbżu t-tul tas-soġġorn intitolati għalih" milli jerġgħu jidħlu ⁽³⁸⁾. F'Komunikazzjoni reċenti, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri biex jużaw din il-possibbiltà kemm jista' jkun possibbli ⁽³⁹⁾. Dan jimplika li bħalissa l-miżura mhijiex qiegħda tintuża sal-massimu possibbli.
31. Is-sistema ta' dħul-ħruġ probabbilment tistrieħ ukoll fuq il-bijometriċi. Filwaqt li l-KEPD jirrikonoxxi l-benefiċċji possibbli tal-użu tal-bijometriċi, huwa marbut ukoll li jgħid x'inhuma n-nuqqasijiet tagħhom. Kwalunkwe użu tal-bijometriċi għandu jkun akkumpanjat minn salvagwardji stretti u għandu jieħu kont tar-riskju tal-iżbalji ⁽⁴⁰⁾. F'dan il-kuntest, il-KEPD jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' sett ta' kriterji minimi relatati mal-użu tal-bijometriċi, bħall-affidabbiltà tal-bijometriċi, il-valutazzjoni tal-impatt fil-mira dwar il-bijometriċi, il-preċiżjoni u l-proċedura alternattiva ⁽⁴¹⁾. Barra minn hekk, ċertu porzjon

⁽³⁴⁾ Komunikazzjoni, p. 10.

⁽³⁵⁾ Komunikazzjoni, p. 10.

⁽³⁶⁾ Jeħtieġ ukoll li jiġi ċċarat liema eċċezzjonijiet – pereżempju għal raġunijiet mediċi jew umanitarji – għandhom japplikaw.

⁽³⁷⁾ Ara l-Opinjoni tal-KEPD tat-30 ta' Settembru 2010, imsemmija fuq, il-paragrafi 52-56.

⁽³⁸⁾ Ara l-Kummenti Preliminari tal-KEPD tat-3 ta' Marzu 2008, imsemmija fuq, p. 4.

⁽³⁹⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Rapport annwali dwar l-Asil, COM(2011) 291, p. 9.

⁽⁴⁰⁾ Ara, pereżempju, l-Opinjoni tal-KEPD tas-16 ta' Ottubru 2006 dwar il-proposta mmodifikata għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1030/2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (ĠU C 320, 28.12.2006, p. 21); ara wkoll l-Artikolu 29 tal-Grupp ta' Ħidma għall-Protezzjoni tad-Dejta fl-Opinjoni Nru 3/2007 dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar il-viżi għal missjonijiet diplomatiki u l-karigi konsulari fir-rigward tal-introduzzjoni tal-bijometrika, inklużi dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tal-ilqugħ u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-viża (COM(2006) 269 finali), WP134 tal-1 ta' Marzu 2007.

⁽⁴¹⁾ Ara, pereżempju, l-Opinjoni tal-KEPD tad-19 ta' Ottubru 2005 dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-twaqqif, l-operat u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II), il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif, l-operat u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (...) (ĠU C 91, 19.4.2006, p. 38); u "Lejn protezzjoni tad-dejta aktar komprensiva fl-Ewropa, inkluża l-Bijometrika – perspettiva Ewropea", it-12-il Konferenza – l-Istitut tal-Bijometrika f'Sydney, l-Awstralja, fis-26 ta' Mejju 2011:
http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/EDPS/Publications/Speeches/2011/11-05-26_Biometrics_Institute_EN.pdf

tal-popolazzjoni involuta ma għandhomx marki tas-swaba' li jistgħu jinqraw minn sistema bħal din ⁽⁴²⁾. Jekk is-sistema ta' dħul-ħruġ għandha tinkludi l-bijometriċi, din tkun trid tipprovdi proċeduri alternattivi għal dawn il-vjaġġaturi ⁽⁴³⁾.

32. Il-KEPD jixtieq ukoll jiġbed l-attenzjoni għall-esperjenzi fir-rigward tal-US-VISIT (programm tal-Istati Uniti dwar it-Teknoloġija li tindika l-Istatus tal-Viżitaturi u tal-Immigranti – *United States Visitor and Immigrant Status Indicator Technology*), sistema simili fl-Istati Uniti tal-Amerika. Skont il-US-VISIT, ħafna miċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi huma obbligati li jipprovdu l-bijometriċi malli jidħlu fit-territorju tal-Istati Uniti. Il-parti tal-“ħruġ” ta' din is-sistema għadha qiegħda tiġi żviluppata. Fl-2009, saru żewġ testijiet pilota dwar il-ġbir tal-bijometriċi għal din il-parti tas-sistema ⁽⁴⁴⁾. Id-Dipartiment tas-Sigurtà Interna rrikonoxxa li r-riżultati ta' dawn it-testijiet kienu “esaġerati minħabba l-limitazzjonijiet fis-sistema relatati ma' każijiet fejn ir-rekords tal-ADIS ma kinux jirriflettu l-istatus aġġornat tal-vjaġġaturi minħabba l-bidliet jew l-estensjonijiet reċenti tal-istatus” ⁽⁴⁵⁾. It-testijiet eżaminaw ukoll lill-passiġġieri fl-isfond ta' bosta listi ta' sorveljanza; madankollu, “l-ebda wieħed mill-[...] tentattivi ma seta' jwassal biex jitwaqqaf it-tluq” ⁽⁴⁶⁾. B'kolloxx, id-Dipartiment tas-Sigurtà Interna nefaq madwar USD 1,3 biljun għall-iżvilupp tal-komponent tad-dħul tal-US-VISIT ⁽⁴⁷⁾. Dan iqajjem il-mistoqsija dwar jekk sistema ta' dħul-ħruġ hijex miżura kosteffikaċi biex tnaqqas is-“soġġorn twil iżżejjed”.

33. Fil-qosor, la l-iskop ta' sistema bħal din u lanqas il-mod li bih għandha tissawwar u tiġi implimentata ma huma ċari biżżejjed. Fir-rigward tal-ħtieġa li tittieħed azzjoni, ma hemm ebda definizzjoni ċara tat-terminu ċentrali ta' “soġġorn twil iżżejjed”; konsegwentement, ma hemm ebda statistika affidabbli dwar id-daqs tal-problema. Fir-rigward tal-azzjoni li trid tittieħed, l-istrumenti eżistenti fis-seħħ biex iwaqqfu lill-“persuni magħrufa li jaqbżu t-tul tas-soġġorn intitolati għalih” milli jerġġu jidħlu probabbilment mhumiex qegħdin jintużaw daqs kemm għandhom jintużaw; barra minn hekk, il-komponent bijometriku tas-sistema ta' dħul-ħruġ iqajjem il-mistoqsijiet. Fir-rigward tal-fattibbiltà u l-ispiża ta' din is-sistema, l-esperjenzi mill-Istati Uniti tal-Amerika jissuġġerixxu li l-implimentazzjoni ta' sistema ta' dħul-ħruġ tiġi tiswa ħafna flus. Dawn il-punti jqajmu dubji dwar in-neċessità u l-kosteffiċjenza ta' sistema ta' dħul-ħruġ.

Programm ta' vjaġġaturi rreġistrati

34. Il-Komunikazzjoni ssemmi wkoll l-introduzzjoni ta' programm ta' vjaġġaturi rreġistrati. Mhuwiex ċar għal kolloxx x'sejjer ikun il-valur miżjud ta' din is-sistema, meta mqabbel pereżempju mal-użu ta' viża bi dħul multiplu b'perjodu itwal ta' validità. Il-gruppi fil-mira sejrini ikunu l-istess (vjaġġaturi frekwenti). Il-fatt li għad hemm “nuqqas ta' rieda” ⁽⁴⁸⁾ biex jinħarġu dawn il-viżi ma jistax waħdu jservi bħala raġuni biex jiġu proposti miżuri ġodda minflok, meta daww li huma disponibbli bħalissa – jekk jintużaw kompletament – jippermettu li jintlaħqu l-istess għanijiet. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-KEPD mhuwiex konvint għal kolloxx li s-sistema hija tassew meħtieġa.

35. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tirreferi għall-kunċett ta' vjaġġaturi “bona fide” (paġna 11), li huwa relatat l-aktar mal-programm ta' vjaġġaturi rreġistrati. B'mod impliċitu, dan il-kliem jista' jinqara bħala li

⁽⁴²⁾ Pereżempju, dan jista' jkun minħabba mard, diżabilità, feriti u ħruq. Jidher ukoll li huwa l-każ li l-marki tas-swaba' tal-persuni li jaħdmu fl-oqsma tal-agrikoltura u l-kostruzzjoni jistgħu, f'numru mhux żgħir ta' każijiet, jiġu danneġġjati sal-punt li ma jibqgħux jinqraw. Ara wkoll l-opinjoni tal-KEPD tal-15 ta' Diċembru 2010, imsemmija fuq, il-paragrafu 19.

⁽⁴³⁾ Għal kummenti simili fil-kuntest tal-Eurodac, ara l-Opinjoni tal-KEPD tal-15 ta' Diċembru 2010, il-paragrafi 18-25.

⁽⁴⁴⁾ F'wieħed mill-ajruporti magħżula għall-ittestjar, intefqu USD 393 410 fi spejjeż tax-xogħol għal 35 jum ta' operazzjonijiet tat-test, li wasslu għal 90 każ ta' suspetti ta' “soġġorn twil iżżejjed”. Fit-tieni test li sar fl-istess żmien, kien hemm 44 tentattiv suspettat, li ġabu magħhom spiża ta' USD 77 501. Dawn in-numri ma jinkludux l-ispejjeż tal-iżvilupp. Għal valutazzjoni ta' dawn it-testijiet ara: L-Uffiċċju tal-Kontabilità tal-Gvern tal-Istati Uniti: L-Evalwazzjonijiet Pilota tal-US-VISIT Joffru Għarfien Limitat tal-Għażliet ta' Ħruġ mill-Ajru (*United States Government Accountability Office: US-VISIT Pilot Evaluations Offer Limited Understanding of Air Exit Options*), Awwissu 2010, GAO-10-860, disponibbli fuq: <http://www.gao.gov/new.items/d10860.pdf> (“US GAO: US-VISIT Pilot Evaluations”)

⁽⁴⁵⁾ Riprodotti fil-US GAO: Evalwazzjonijiet Pilota tal-US-VISIT, p. 72.

⁽⁴⁶⁾ US GAO: Evalwazzjonijiet Pilota tal-US-VISIT, p. 72.

⁽⁴⁷⁾ Ara l-kummenti preliminari tal-KEPD tat-3 ta' Marzu 2008, imsemmija fuq, p. 4.

⁽⁴⁸⁾ Komunikazzjoni, p. 11.

joħloq klassi ta' vjaġġaturi "mala fide". Huma biss dawk il-vjaġġaturi li jagħmlu passi addizzjonali, li jirreġistraw fil-programm ta' vjaġġaturi rreġistrati u li jipprovdu informazzjoni personali addizzjonali li jitqiesu bħala "bona fide". Is-suppożizzjoni li rridu nitilqu minnha ma għandhiex tibqa' tkun li b'mod ġenerali l-vjaġġaturi għandhom jitqiesu bħala li jidħlu fl-Unjoni b'rieda tajba, sakemm ma jkunx hemm evidenza speċifika li tikkawża suspett, iżda li għandu jkun fidejn il-vjaġġaturi li jiġġustifikaw ruħhom billi jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwarhom infushom, anki fin-nuqqas ta' xi evidenza. Dan jimplika li billi huma biss xi vjaġġaturi li jiġu ddikjarati bħala "bona fide", dawk li ma jkunux lesti jipprovdi informazzjoni addizzjonali fil-fatt jiġu ttikkettjati bħala "mala fide", għalkemm dan ir-rifjut mill-għoti ta' informazzjoni addizzjonali jista' jkollu raġunijiet leġittimi, pereżempju għal min ma jivv-jaġġax ta' spiss ⁽⁴⁹⁾.

Il-Frontex u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji

36. Il-Komunikazzjoni titlob għal "kooperazzjoni mill-qrib bejn l-aġenziji" bejn l-Europol, il-Frontex u l-awtoritajiet doganali u tal-pulizija nazzjonali, li hija meqjusa bħala "essenzjali", speċjalment bejn l-awtoritajiet doganali u l-kontroll fuq il-fruntieri ⁽⁵⁰⁾. Din il-kooperazzjoni sejra tiġi appoġġjata minn proposti dwar l-aqwa prassi li għandhom jiġu ppreżentati matul l-2012. Il-Kummissjoni tħabbar ukoll li matul l-2011 għandha tiġi ppreżentata proposta leġislattiva li tagħti ċ-ċans lill-aġenziji tal-Istati Membri jwettqu s-sorveljanza tal-fruntieri biex ikunu jistgħu "jiskambjaw informazzjoni operazzjonali u biex jikkooperaw ma' xulxin u mal-Frontex" ⁽⁵¹⁾. Fl-aħħar nett, bħalissa qiegħda tiġi nnegożjata fil-Kunsill u fil-Parlament Ewropew il-proposta biex jiġi aġġornat il-qafas legali tal-Frontex bil-għan li jkun "aktar effettiv f'dak li għandu x'jaqsam mal-kapaċità operattiva tagħha" ⁽⁵²⁾.
37. Bil-għan li tiġi żgurata l-konsistenza u jinħoloq valur miżjud minn perspettiva tal-protezzjoni tad-dejta, id-dispożizzjonijiet rispettivi fil-bażijiet legali għall-konklużjoni tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni possibbli u l-iskambju ta' dejta personali bejn il-Frontex u l-aġenziji li għandha tikkooopera magħhom għandhom ikunu koerenti u konsistenti sabiex jiżguraw kooperazzjoni sħiħa bejn il-korpi fir-rigward tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta.
38. Barra minn hekk, il-KEPD itenni l-punti mqajma fl-Opinjoni tiegħu dwar il-proposta għal riforma tar-Regolament tal-Frontex ⁽⁵³⁾, speċifikament il-ħtieġa għal bażi legali ċara għall-ipproċessar tad-dejta personali. Jekk il-Frontex tingħata mandat biex tiskambja d-dejta personali, dan għandu jinkludi dispożizzjonijiet ċari u b'saħħithom dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta, kif ukoll salvagwardji oħrajn. Kwalunkwe dispożizzjoni li tippermetti lill-Frontex tipproċessa u/jew tiskambja dejta personali għandha tkun preċiża u delineata b'mod ċar.

L-Eurosur

39. Il-Kummissjoni tħabbar ukoll proposta leġislattiva għad-definizzjoni tal-ambitu, l-iskop u l-qafas tekniku u operattiv għas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza għall-Fruntieri (Eurosur) għal Diċembru 2011 ⁽⁵⁴⁾. Din il-proposta mistennija tiżgura "użu akbar tat-teknoloġija moderna kemm fuq il-fruntieri tal-art, kif ukoll fuq il-fruntieri tal-baħar" ⁽⁵⁵⁾ kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali dwar l-inċidenti ⁽⁵⁶⁾. Din hija relatata wkoll mal-Frontex, minħabba li l-Kummissjoni qiegħda tippjana li tippreżenta proposta oħra li tippermetti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri li jwettqu s-sorveljanza fuq il-fruntieri sabiex jiskambjaw informazzjoni operazzjonali ma' xulxin u mal-Frontex ⁽⁵⁷⁾.

⁽⁴⁹⁾ Ara wkoll il-Kummenti Preliminari tal-KEPD tat-3 ta' Marzu 2008, imsemmija fuq.

⁽⁵⁰⁾ Komunikazzjoni, p. 10.

⁽⁵¹⁾ Komunikazzjoni, p. 8.

⁽⁵²⁾ Komunikazzjoni, p. 8.

⁽⁵³⁾ Opinjoni tal-KEPD tas-17 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (il-Frontex), li għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU, ara wkoll l-Opinjoni tal-KEPD tas-17 ta' Diċembru 2010, imsemmija fuq, il-paragrafi 48-51.

⁽⁵⁴⁾ Komunikazzjoni, p. 18.

⁽⁵⁵⁾ Komunikazzjoni, p. 7.

⁽⁵⁶⁾ Komunikazzjoni, p. 8.

⁽⁵⁷⁾ Komunikazzjoni, p. 8.

40. Mhuwiex ċar jekk u sa liema punt dan għandu jinkludi l-ipproċessar ta' dejta personali ⁽⁵⁸⁾. Il-KEPD iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkjarifika dawn il-kwistjonijiet fil-proposti li ġejjin.

Sistema Ewropea ta' gwardji tal-fruntieri

41. Il-Komunikazzjoni ssemmi li għandha tiġi kkunsidrata l-fattibbiltà ta' sistema Ewropea ta' gwardji tal-fruntieri. Mhuwiex ċar mit-test kif mistennija tkun din is-sistema. Skont it-test, mhux "neċessarjament" ⁽⁵⁹⁾ għandha tkun amministrazzjoni ċentrali, li xorta waħda tħalli miftuħa l-possibbiltà li jista' jkun hemm waħda. Jekk ma jkunx hemm amministrazzjoni ċentrali, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li – fost l-oħrajn – ikunu jridu jittejjbu l-"kapaċitajiet kondiviżi" u l-"kooperazzjoni Prattika" ⁽⁶⁰⁾.
42. Mhuwiex ċar jekk din hijiex maħsuba biex tkun immirata għal implimentazzjoni aħjar tal-miżuri eżistenti jew jekk hijiex qiegħda tissuġġerixxi proposti ġodda, li madankollu għadhom ma tħabbrux. Minħabba li l-"kooperazzjoni Prattika" x'aktarx li tinkludi l-iskambju ta' dejta personali, li jkun irid ikollu bażi legali, dan għandu jiġi speċifikat fil-proposti futuri, jekk il-proġett ikun ser jtkompla.

IV. KONKLUŻJONI U RAKKOMANDEZZJONIJET

43. Skont il-każistika stabbilita tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-KEPD ifakkar fil-ħtieġa tan-neċessità u l-proporzjonalità għall-proposti (attwali u ġodda) kollha li jkunsru d-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-dejta. Għal kull proposta, in-neċessità tkun trid tintwera permezz ta' valutazzjoni tal-impatt tal-privatezza.
44. Il-prinċipju ta' "privatezza skont id-disinn" u l-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop għandhom jiġu osservati meta jiġu proposti u mfassla sistemi tal-IT ġodda fuq skala kbira.
45. Il-KEPD jenfasizza li kwalunkwe użu tal-bijometriċi għandu jkun akkumpanjat minn salvagwardji stretti u proċeduri kontinġenti għal dawk li ma jistgħux jirreġistraw. Ftermini aktar ġenerali, għandhom jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet minimi għall-użu ta' dejta bijometrika.
46. Barra minn hekk, il-KEPD iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkjarifika l-ambitu u l-kontenut tal-proposti tagħha msemmija f'din l-Opinjoni. Dan japplika għall-proposti leġislattivi mħabbra relatati mas-sistema ta' dħul-ħruġ, il-programm ta' vjaġġaturi rreġistrati, l-Eurosur, il-Frontex u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji, kif ukoll għall-Komunikazzjoni dwar fruntieri intelliġenti u l-istudju dwar sistema Ewropea ta' gwardji tal-fruntieri.
47. Huwa jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex ma terġax tintroduċi l-proposta dwar l-aċċess tal-infurzar tal-liġi għall-Eurodac, sakemm valutazzjoni tal-impatt ġdida ma turix b'mod ċar in-neċessità tal-proposta, inklużi l-implikazzjonijiet tekniċi u finanzjarji għas-sistema.
48. Il-KEPD sejjer isegwi dawn l-iżviluppi mill-qrib u, fejn xieraq, jipprovdi kummenti addizzjonali. Huwa disponibbli għal aktar konsultazzjonijiet, fl-ispirtu ta' kooperazzjoni tajba.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2011.

Peter HUSTINX

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

⁽⁵⁸⁾ Ara wkoll l-Opinjoni tal-KEPD tas-17 ta' Diċembru 2010, imsemmija fuq, il-paragrafi 46-47, li diġà indirizzat din il-kwistjoni. Din l-opinjoni tindirizza wkoll il-kwistjoni li sa issa għadha ma ġietx solvuta tan-natura tar-rabtiet previsti bejn il-Frontex u l-Eurosur.

⁽⁵⁹⁾ Komunikazzjoni, p. 7.

⁽⁶⁰⁾ Komunikazzjoni, p. 7.